**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-10 ta' Dicembru 2019**

**Rikors numru:- 67/2019 (BS)**

**Bank of Valletta Plc (C2833)**

-vs-

**Joseph Magro**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat li bih il-Bank attur rikorrent ippremetta:

*1. Illi l-bank attur kien ta diversi somom ta' flus b'self lill-konvenut Illi dan is-self sar skont sanction letter tad-29 ta' Mejju 2014*

*2. Illi per konsegwenza, infethu zewg kontijiet ta' self bin-numri 40024173753 u 40024174655.*

*3. Illi l-bilanci f'dawn il-kontijiet sas-27 ta' Awissu 2019, bl-interessi semplici nkluzi jammontaw ghall-hdax-il elf sitt mija u hamsa u disghin Ewro u tmenin centezmu (€ 11695.80) u hdax-il elf seba' mija u ghaxar ewro u sitta u tletin centezmu (€ 11710.63) rispettivament ghal total ta' tlieta u ghoxrin Elf erba' mija u sitt Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€ 23406.43).*

*4. Illi huma dovuti wkoll interessi ulterjuri mit-28 ta' Awissu 2019 sad-data tal-pagament effettiv.*

*5. Illi minkejja diversi weghdi ta' pagament, il-konvenut dejjem baqa' inadempjenti.*

*6. Illi l-bank attur jidhirlu li dan id-dejn huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandu l-ebda eċċezzjoni x'jaghti kontra din it-talba u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti tista' tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap Tnax tal-Ligijiet ta' Malta).*

*7. Illi dan ir-rikors u l-kontenut tieghu qed jigu kkonfermati bil-gurament minn Charmaine Borg (10275 G), manager u rapprezentant tal-bank attur li ghandha konoxxenza proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh, ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap Tnax tal-Ligijiet ta' Malta), stante illi d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjonijiet x'jaghti kontra din it-talba.*

*2. Tiddikjara illi l-konvenut debitur fil-konfront tal-bank attur fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf erba' mija u sitt Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€ 23406.43) flimkien ma' l-interessi ulterjuri mit-28 ta' Awissu 2019 sad-data tal-pagament effettiv.*

*3. Tikkundanna lilek konvenut sabiex, b'effett immedjat, thallas lill-bank attur din is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf erba' mija u sitt Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€ 23406.43) flimkien ma' l-interessi ulterjuri mit-28 ta' Awissu 2019 sad-data tal-pagament effettiv*

*Bl-ispejjez kollha nluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tad-29 ta' Marzu 2016 (numru 134/16); u bl-ingunzjoni tal-konevnut minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-Bank rikorrent u d-dokumenti l-oħra.

Rat illi fil-verbal ta' l-04 ta' Ottubru, 2019 il-konvenut kien għadu ma hux notifikat bl-avviż għas-smigħ u bir-rikors ġuramentat u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-seduta tas-06 ta' Diċembru, 2019, għan-notifika tal-konvenut.

Rat illi l-avviż għas-smigħ kif ukoll ir-rikors ġuramentat ġew debitament notifikati lill-konvenut intimat personalment fis-26 ta' Novembru, 2019.

Rat il-verbal tas-06 ta' Diċembru 2019 fejn Dr. Mario Scerrri għall-konvenut intimat ammetta t-talba u ppreżenta seduta stante nota ta' ammissjoni u għalhekk il-kawża giet differita għas-sentenza għas-seduta ta' 10 ta' Diċembru, 2019.

Illi ghalhekk in vista tal-ammissjoni tal-konvenut il-Qorti għaddiet biex tagħti s-sentenza tagħha a bazi tal-Art 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fil-kuntest ukoll tal-ammissjoni tal-konvenut intimat.

Rat li fiċ-ċirkostanzi l-konvenut intimat ma għandu l-ebda eċċezzjoni x'jaghti dwar is-sorte, u rat l-ammissjoni tieghu għall-ammont pretiż mill-Bank attur. Peress li fiċ-ċirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors ġuramentat tidher ġustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tingħata bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**DECIDE.**

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti;

**1. Taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' t-talba tal-Bank attur rikorrent b'dan illi:**

**2. tiddikjara lill-konvenut debitur tal-Bank attur rikorrent fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf erba' mija u sitt Ewro u tlieta u erbgħin ċentezmu (€ 23406.43);**

**3. tikkundannah iħallas lill-Bank attur rikorrent is-somma ta' tlieta u għoxrin elf erba' mija u sitt Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€ 23406.43);**

BI-ispejjeż kollha nkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Marzu, 2016 u bl-imgħaxijiet legali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur